MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 720/2002/1

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Anthony Bonello u l-istess Anthony Bonello**

**Vs**

**Maria Beatrice Cilia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu s-somma ta' Lm849.78c (tmien mija u disgha w erbghin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) liema talba giet ridotta fil-mori tal-kawza ghal Lm126.80c (mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu) rapprezentanti danni wara incident tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn qalet li ma kienetx responsabbli ghall-incident u li d-danni mitluba huma eccessivi.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li skond il-Front to Rear form Jonathan Bonello li kien qed isuq il-vettura assigurata mad-ditta attrici qal: “Kont gej minn B’Kara Bypass sejjer lejn l-Imsida u hargitli minn ……. Street, Birkirkara.

Fl-istess formola l-konvenuta kitbet: “Kont gejja minn fejn l-In design hrigt sew u bdejt insuq fil-Bypass meta smajt brejkijiet qawwija warajja.”

Meta xehed Jonathan Bonello qal li kien ghaddej f’Birkirkara Bypass fuq il-lane ta’ barra u harget il-konvenuta minn fejn hemm stop sign u saret il-habta. L-konvenuta baqghet sejra. Hu mar l-ghassa.

Xehdet Anita Cutajar li kienet front seat passenger fil-vettura misjuqa mill-konvenuta. L-konvenuta harget u mbaghad qalbet il-lane u meta kienu fit-traffiku semghu l-hoss ta’ brejks u habta. Cutajar qalet li ma kienx hemm habta u li baqghet fil-karozza. Wara Cutajar rat li l-karozza tal-konvenuta kellha grif hafif fuq wara. Cutajar qalet li minn fejn l-istop sign l-konvenuta mxiet distanza ta’ zewg karozzi mbaghad saret il-habta dan wara li l-konvenuta qalbet mill-lane ta’ gewwa ghall-lane ta’ barra.

Il-konvenuta qalet li harget minn fejn hemm l-In design. Rat li ma kien gej hadd, harget u “awtomatikament” qalbet fuq il-lane ta’ barra. L-konvenuta qalet li saqet sa fejn kien hemm karozza wieqfa quddiema. Waqfet fil-kju u kif kienet wieqfa semghet brejk qawwi. L-konvenuta qalet li ma kienx hemm daqqa, l-karozza waqfet maghha. Bonello kellu “crack irqiqa fuq il-bumper”. Il-konvenuta qalet li mxiet xi hamsa w erbghin metru (45m) qabel ma waqfet u qabel il-habta.

Il-konvenuta tghid li qabel ma harget harset fuq il-lemin u ma rat lil hadd gej. Il-konvenuta qalbet ghal outer lane.

Illi l-konvenuta kellha l-obbligu li qabel ma tohrog fil-main road tieqaf u tara jekk hemmx karozzi fil-main road. Il-konvenuta kellha l-obbligu li tassikura li meta tbiddel il-lane tara jekk kienx hemm karozza warajha. (Ara Vella Vs Spiteri PA deciza 2 t'Ottubru 2002). Il-konvenuta qalet li saqet ghal xi distanza ta' hamsa w erbghin metru (45m) wara li harget izda x-xhud Cutajar tghid li mxiet distanza biss ta' xi zewg karozzi mill-istop sign sal-habta. F'dawn ic-cirkostanzi l-konvenuta ghandha tigi ddikjarata responsabbli ghall-incident billi huwa principju fundamentali fis-sewqan li m'ghandekx tbiddel il-lane tieghek b'mod li tostakola l-passagg liberu ta' xi haddiehor. Jekk tkun se taghmel hekk trid qabel xejn izzomm "a proper lookout" biex tassikura li bil-manuvra tieghek ma tohloqx periklu lil haddiehor.

L-ammont pretiz kif ridott huwa ragunevoli u kkonfermat mis-surveys u dokumenti.

Ghaldaqstant jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident u jikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm126.80c (mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu). L-ispejjez (billi kien hemm riduzzjoni fis-sorte) jithallsu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------